MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 805/2001/1

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Valletta Freight Services Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elfejn mitejn u sitta u erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm2246.98) rapprezentanti Lm162.98 minnhom bhala hlas ghal servizzi resi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 09474928, Lm1093.40 minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 09423454, u Lm990.60 minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-

socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 09492260.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data meta l-ammonti pretizi mis-socjeta attrici f'dan l-avviz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut noe li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat mal-avviz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-art. 2148(a) u (f) tal-Kap. 16.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju, il-partita ta' Lm990.60c inkluza fit-talba attrici diga tifforma il-mertu ta' kawza ohra fl-istess ismijiet pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta u differita ghal (Avviz Nru 1196/00MM) li hija differita ghas-16 ta' Jannar 2002 u li kienet giet prezentata fil-5 ta' Settembru, 2000 u ghalhekk qed tinghata l-eccezzjoni tal-"litis pendentia" fir-rigward ta' dil-partita.
3. Illi subordinatament u fil-mertu, l-ammont mitlub qed jigi kontestat ghaliex jinkludi charges ghall-'roaming' f'pajjizi barra minn Malta li s-socjeta attrici ma tridx u qed tonqos li taghti breakdown u identifikazzjoni taghhom, minkejja li giet mitluba li taghmel dan mis-socjeta' eccipjenti (Dok A), sabiex is-socjeta' konvenuta tkun tista' tivverifika jekk dawn ic-charges humiex verament relatati ghall-calls maghmula fuq il-mobile phones taghha.
4. Inoltre l-eccipjenti hallset ammont ta' Lm520.79c indebitament lis-socjeta' attrici li ghandu f'kull kaz jitnaqqas minn kull ammont pretiz.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-istess socjeta attrici (fol 11 u fol 12 tal-atti) u li biha s-somma mitluba fl-avviz giet ridotta ghall-ammont ta' Lm1256.38 in vista ta' dak sottomess fit-tieni (2) eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali in-nota ta' referenzi sottomessa mis-socjeta attrici a fol 47 ibid.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni in esami u dan a basi tal-artikolu 2148(a) u (f) tal-Kodici Civili, Sharon Calleja (fol 18 et seq ibid) anke permezz ta' dokumenti (fol 21 sa fol 26) semmiet illi l-ammont mitlub fl-avviz izda, kif ridott, jirreferi ghal zewg servizzi ta' telefon cellulari, provdut mis-socjeta attrici lil dik konvenuta, li jibdew minn Dicembru 1999 sa Frar 2001. In rigward hlasijiet l-ahhar li kienu saru kien matul Jannar u Frar tal-2000. Difatti wara din id-data, kien hemm kontestazzjoni in konnessjoni ma 'incoming calls' u l-informazzjoni relattiva ghall-istess li, pero', kienet koperta minn legislazzjoni barranija dwar "data protection".

Ikkunsidrat

Illi jigi notat illi, bhala atti gudizzjarji, fid-19 ta' Settembru 2001 kien gie presentat l-avviz in esami, notifikat lis-socjeta konvenuta fid-29 ta' Settembru 2001. Inoltre, kontestwalment mal-istess avviz, kien gie presentat mandat kawtelatorju ta' sekwestru kontra l-istess socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta, kif jidher, ukoll, mix-xhieda ta' David Jones (fol 44 et seq ibid) u mid-dokumenti a fol 32 et seq ibid, qed issostni li l-azzjoni in esami hi preskritta abasi tal-artikolu gja msemmi. Pero, jidher evidenti li l-artikolu 2148(a) u (f) ma hux applikabbli f'dan il-kaz. Difatti jidher car illi hu aplikabbli, f;dan il-kaz l-artikolu 2156(f) tal-istess Kodici, kif qed issostni s-socjeta attrici a bazi tan-nota ta' referenzi a fol 47 ibid.

Illi ghalhekk, l-eccezzjoni in esami bl-ebda mod ma tista' tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta‘ din l-azzjoni kif proposta u tordna li din il-kawza titkompla fuq il-meritu waqt li jigu konsiderati it-tielet (3) u raba (4) eccezzjoni.  Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------